PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Dokument ta' sessjoni

17.5.2006

B6-0281/06 }
B6-0283/06 }
B6-0286/06 }
B6-0290/06 }
B6-0293/06 } RC1

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skond l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura minn

– Geoffrey Van Orden, Thomas Mann, Philip Bradbourn, Charles Tannock, Bernd Posselt, f'isem il-Grupp tal-Partit Popolari Ewropew (Demokristjani) u Demokratiċi Ewropej
– Pasqualina Napoletano, Jill Evans, Emilio Menéndez del Valle, Elena Valenciano Martínez-Orozco, f'isem il-Grupp Soċjalista fil-Parlament Ewropew
– Elizabeth Lynne, Sajjad Karim, Marios Matsakis, f'isem il-Grupp ta' l-Alleanza tal-Liberali u d-Demokratiċi għall-Ewropa
– Jean Lambert, Raül Romeva i Rueda, Gérard Onesta, Pál Schmitt, f'isem il-Grupp tal-Ħodor/Alleanza Ħielsa Ewropea
– Eoin Ryan, f'isem il-Grupp ta' l-Unjoni għal Ewropa tan-Nazzjonijiet

li tieħu post il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi li ġejjin:

– Verts/ALE (B6-0281/06)
– GUE/NGL (B6-0283/06)
– PSE (B6-0286/06)
– ALDE (B6-0290/06)
– PPE-DE (B6-0293/06)

dwar is-sitwazzjoni fi Sri Lanka

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni fi Sri Lanka

Il-Parlament Ewropew,

- Wara li kkunsidra l-kunflitt armat li ħarbat is-Sri Lanka mill-1983 u wassal għall-mewt ta' 60,000 ruħ, filwaqt li 800,000 kellhom iħallu darhom,

- Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu preċedenti tat-18 ta' Mejju 2000, ta' l-14 ta' Marzu 2002 u ta' l-20 ta' Novembru 2003 dwar is-Sri Lanka, u tat-13 ta' Jannar 2005 dwar l-għajnuna mill-UE wara d-diżastru tat-Tsunami,

- Wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Oslo ta' Diċembru 2002, fejn il-gvern tas-Sri Lanka u l-LTTE ftiehmu li jipprovaw isibu soluzzjoni federali fil-qafas ta' Sri Lanka magħqud,

- Wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Tokjo dwar ir-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp ta' l-10 ta' Ġunju 2003, li għaqqdet l-appoġġ tad-donaturi mal-progress fil-proċess għall-paċi, filwaqt li insistiet li jiġi rrispettat Il-Ftehim għall-Waqfien mill-Isparar, li l-minoranza Musulmana tieħu sehem fit-taħditiet, fuq il-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-progress lejn ftehim politiku finali,

- Wara li kkunsidra l-appoġġ mogħti mill-UE u mill-komunità internazzjonali kollha biex ipatti għad-devastazzjoni tat-Tsunami tas-26 ta' Diċembru 2004,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. Billi l-kunflitt fis-Sri Lanka qatel 'il fuq minn 60,000 ruħ, ħalla miljun ruħ mingħajr saqaf u żamm lura t-tkabbir tal-gżira u l-iżvilupp ekonomiku u b'hekk irriżulta f'sitwazzjoni miżerabbli għal tant nies madwar is-Sri Lanka, li t-Tsunami farrkilhom ħajjithom u li issa jkollhom ibatu minn vjolenza ġdida,

B. Billi saru attakki numerużi fil-peniżola ta' Jaffna, fi Trincomalee u Batticaloa, u l-każijiet ta' ksur ta' waqfien mill-isparar irreġistrat uffiċjalment ilaħħqu ma' l-eluf, il-biċċa l-kbira min-naħa ta' l-LTTE,

C. Billi t-tensjoni kompliet tikber deliberatament minħabba l-attentat ta' qtil tal-Logotenent il-Ġeneral Sarath Fonseka, il-Kmandant ta' l-Armata tas-Sri Lanka, fil-25 ta' April 2006, il-qtil tal-Ministru għall-affarijiet Barranin tas-Sri Lanka Lakshman Kadirgamar f'Awwissu li għadda, u ta' Joseph Pararajasingha, MP, f'Diċembru, u l-attakk fuq l-uffiċċju distrettwali ta' Batticaloa ta' l-SLMM fit-13 ta' Jannar 2006 f'attentat deliberat biex jiddgħajjef il-Ftehim għall-Waqfien mill-Isparar,

D. Billi fil-11 ta' Mejju l-LTTE (it-Tigri Tamil) attakkaw bastiment li kien qed iġorr 710 membri tal-forzi tas-sigurtà sejrin lura d-dar wara li ngħataw liv id-dar flimkien ma' membri tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tas-Sri Lanka abbord u li kien qed itajjar il-bandiera SLMM, li kien eskortat minn gun boats tal-flotta, u għarrqu waħda minnhom u qatlu 18-il membru ta' l-ekwipaġġ.

E. Billi 'l fuq minn 300 ruħ mietu f'attakki u fi vjolenza din is-sena fis-Sri lanka,

F. Billi gruppi internazzjonali ta' monitoraġġ qed jgħidu li l-vjolenza reċenti hija l-aktar theddida serja għall-waqfien mill-isparar ta' l-2002, li medjaturi Norveġiżi kienu nnegozjaw, u li kien diġà ddgħajjef minn numru ta' rapporti dwar ksur ta' waqfien mill-isparar, inklużi imbuskati armati, ħtif, intimidazzjoni, qtil, tortura u r-reklutaġġ ta' tfal bħala suldati,

G. Billi wara l-ewwel fażi li saret f'Ġinevra fi Frar, it-taħdidiet għall-paċi ġew sospiżi indefinitivament wara li l-LTTE reġa' ħareġ mit-tieni fażi f'April u b'hekk tellef l-opportunità għall-progress politiku,

H. Billi t-tkomplija tal-proċess għall-paċi għandu jfittex li jinvolvi medda wiesgħa ta' komunitajiet u organizzazzjonijiet politiċi fis-Sri Lanka, inklużi r-rappreżentanti Musulmani mit-Tramuntana,

I. Billi organizzazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem ma kinux kapaċi jinvestigaw abbużi kontra d-drittijiet tal-bniedem b'mod effettiv, u l-SLMM m'għandux il-mandat biex jinvestiga dawn il-każijiet ta' ksur b'mod indipendenti,

1. Laqa' bil-qawwa d-deċiżjoni tal-gvern tas-Sri Lanka u l-LTTE sabiex jiġu lura fuq il-mejda tan-negozjati fi Frar, u jikkundanna, għaldaqstant, ir-rifjut unilaterali ta' l-LTTE li jipparteċipa fit-tieni fażi ta' negozjati f'Ġinevra li kienu ppjanati għal April 2006;

2. Jistieden b'urġenza lill-LTTE sabiex ikompli bin-negozjati għall-paċi mal-gvern tas-Sri Lanka mingħajr dewmien, sabiex ikun lest li jirtira l-armi u sabiex iħejji ambjent li jiffavorixxi ftehim politiku finali dwar il-konflitt;

3. Jikkundanna bil-qawwa kollha l-kampanja ġdida ta' attakki mill-LTTE u l-kwantità kbira ta' vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem li saru miż-żewġ naħat u l-każijiet kontinwi ta' ksur tal-ftehim għall-waqfien mill-isparar;

4. Jiddeplora l-vjolazzjonijiet serjissimi tal-Ftehin għall-waqfien mill-Isparar mil-LTTE permezz ta' azzjonijiet fuq il-baħar, b'mod partikulari l-attakk tal-11 ta' Mejju fuq il-qawwa navali tas-Sri Lanka, li ħalla ħafna persuni midruba u poġġa ħajjet l-osservaturi ta' l-SLMM f'periklu serju;

5. Jistieden lill-partijiet fil-Ftehim għall-Waqfien mill-Isparar sabiex jiżguraw is-sigurtà ta' l-SLMM li hija organizzazzjoni mingħajr armi mistiedna kemm mill-gvern kif ukoll mill-LTTE biex timmonitorja l-Ftehim għall-Waqfien mill-Isparar, sabiex il-missjoni tkun tista' taqdi l-mandat tagħha u jfaħħar il-pajjiżi li taw il-kontribut tagħhom: id-Danimarka, il-Finlandja, l-Iżlanda, in-Norveġja u l-Iżvezja għall-ħidma imprezzabbli tagħhom;

6. Jistieden kemm l-LTTE kif ukoll lill-gvern tas-Sri Lanka sabiex jieqfu minn kull azzjoni li tista' tipperikola l-proċess ta' paċi, u b'mod partikulari l-attakki fuq nies ċivili;

7. Jesprimi l-kundanna tiegħu għall-abbuż terribbli mit-tfal bir-reklutaġġ ta' tfal suldati, li huwa krimini tal-gwerra, u jistieden lill-gruppi kollha ta' ribelli u speċjalment l-LTTE biex jieqaf minn din il-prattika, biex jitlaq lil dawk li qed iżomm u jagħmel dikjarazzjoni ta' prinċipju li ma jirreklutax aktar tfal fil-ġejjieni; iħeġġeġ lill-gvern tas-Sri Lanka biex idaħħal miżuri legali li jżommu milli ssir din il-prattika u li jagħmluha reat;

8. Jirrikonoxxi li l-LTTE ma jirrappreżentax lill-popli kollha Tamil tas-Sri Lanka u jistieden lill-LTTE sabiex jippermetti l-pluraliżmu politiku u vuċijiet demokratiċi alternattivi fil-partijiet tat-tramuntana u tal-lvant tas-Sri Lanka, u b'hekk jiżgura l-interessi tal-popli u l-komunitajiet kollha;

9. Jikkundanna bil-qawwa r-ripressjoni partikulari kontra l-istampa bil-lingwa Tamil u l-organizzazzjonijiet Tamil, u jistieden għal investigazzjoni fil-fond tal-qtil ta' Mayilvaganam Nimalarajan u Dharmeratnam Sivaram kif ukoll taż-żewġ impjegati tal-gazzetta 'Uthayan';

10. Jirrikonoxxi li l-elezzjoni reċenti tas-Sri Lanka bħala membru fil-Konsill tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem jobbliga lill-gvern li jagħti prova ta' l-impenn tiegħu biex jappoġġa bis-sħiħ l-ogħla standards fil-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem;

11. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-gvern tas-Sri Lanka biex jassiguraw li terġa' tiġi attivata l-Kummissjoni tas-Sri Lanka għad-Drittijiet tal-Bniedem u jenfasizza l-ħtieġa għal investigazzjoni effettiva indipendenti dwar l-allegazzjonijiet kollha ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem mill-forzi tas-sigurtà jew minn gruppi armati, li min hu ħati jinġieb quddiem il-ġustizzja skond standards internazzjonali ta' proċess ġuridiku ġust, u jinsisti li l-partijiet kollha għandhom ikunu favur ftehimiet komprensivi rigward id-drittijiet tal-bniedem bħala element ewlieni għan-negozjati ta' paċi tal-ġejjieni;

12. Bħala ġest immedjat ta' rieda tajba, huwa jħeġġeġ liż-żewġ naħat biex jieqfu jużaw mini ta' l-art kontra l-persuni u biex jgħinu fit-tneħħija tagħhom, u għal dan il-għan, il-gvern tas-Sri Lanka għandu jkun ta' eżempju billi jiffirma l-Konvenzjoni ta' Ottawa u l-LTTE għandu jiffirma s-Sejħa ta Ġinevra 'Att ta' Impenn';

13. Huwa mħasseb għall-fatt li ftehim li sar dwar il-qsim ta' għajnuna internazzjonali għadu ma ġiex implimentat, jemmen li l-għajnuna mibgħuta lis-Sri Lanka mill-UE u minn donaturi internazzjonali oħra, bħala rispons għat-tsunami, għandhom jibbenefikaw minnha l-vittmi tad-diżastru, mingħajr preġudizzji dwar l-oriġini etniċi jew it-twemmin reliġjuż tagħhom; iżda huwa mħasseb dwar it-tqassim u l-użu tal-fondi tat-tsunami, li ma kellhomx l-impatt mistenni fuq il-ħajja ta' kuljum tal-vittmi jew sabiex is-Sri Lanka tirkupra wara d-diżastru; jinnota li l-istaġnar politiku dwar "L-Istruttura ta' Mmaniġġjar Operattiv ta' wara t-Tsunami" diġà wassal sabiex €50 miljun oħra ta' għajnuna jdumu ma jiġu rilaxxati, u b'hekk ġiet imxekkla l-ħidma ta' rikostruzzjoni fit-Tramuntana u fil-Lvant tas-Sri Lanka;

14. Jilmenta li minħabba spejjeż kbar għad-difiża, għal bosta snin ir-riżorsi ma marrux fi proġetti ta' investiment li l-ekonomija u l-infrastruttura soċjali tas-Sri Lanka teħtieġ b'mod urġenti;

15. Jitlob lill-Istati Membri ta' l-UE sabiex jagħmlu kull ma hu fil-kapaċità tagħhom sabiex iwaqqfu kull attentat illegali ta' l-LLTE biex tinżamm sistema ta' ntaxxar sfurzat fost sezzjonijiet tal-komunità Tamil li qed jgħixu fl-Unjoni Ewropea;

16. Bħala parti minn dan il-proċess, jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jimxu ma' l-eżempju ta' pajjiżi oħra u jiffriżaw l-assi ta' kontijiet bankarji, ishma, kumpaniji u intrapriżi assoċjati mal-LTTE fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea;

17. Jirrikonoxxi li l-UE ddikjarat li delegazzjonijiet tal-LTTE mhux se jibqgħu jintlaqgħu fl-ebda wieħed mill-Istati Membri ta' l-UE sakemm jingħata avviż ieħor, u li l-UE qed tikkunsidra b'mod attiv li l-LLTE tiżdied b'mod formali mal-lista ta' organizzazzjonijiet terroristiċi;

18. Jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jibqgħu kommessi għal soluzzjoni ġusta u sostenibbli għall-konflitt tas-Sri Lanka u jisħaq fuq l-appoġġ tiegħu għall-popli kollha tas-Sri Lanka u l-President tagħhom, is-Sur Mahinda Rajapakse, hekk kif jindirizzaw flimkien l-isfidi li ġejjin.

19. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet tal-membri l-oħra tal-Co-Chairs Group: in-Norveġja, l-Istati Uniti u l-Ġappun, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU kif ukoll lill-gvernijiet ta' l-Iżvizzera, tas-Sri Lanka u tal-pajjiżi l-oħra ta' l-SAARC u lill-LTTE.